# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  240/97 M1 NA**

**Josephine Bounouader**

**vs**

**Ahmed Bounouader**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-3 ta' Frar 1997 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu bir-rit civili fl-10 ta' Awissu 1995 skond kif evidenzjat mill-anness certifikat taz-zwieg numru progressiv 1338/1995;

Illi z-zwieg bejn il-kontendenti huwa null stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi z-zwieg huwa wkoll null billi l-iskop tal-konvenut kien dak li jakkwista c-cittadinanza Maltija;

Illi ghalhekk iz-zwieg huwa null u serjament vizjat a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (c) (d) (f) u (g) ta' l-Att Numru XXXVII/1976 dwar iz-zwieg;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-kontendenti li gie celebrat fl-10 ta' Awissu 1995 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghar-ragunijiet l-ohra li jigu trattati waqt il-kawza;

2. tawtorizza lill-attrici biex tirreverti ghal kunjom xbubitha u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Il-konvenut dam zmien twil ma jigi notifikat izda finalment deher personalment fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1999 u ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh u inghata ghoxrin gurnata zmien biex jaghmel in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu. Dan nonostante huwa ma ghamilx dawn l-eccezzjonijiet u waqa' kontumaci. B'rikors pero' tal-10 ta' Novembru 1999 talab li jiggustifika l-kontumacja tieghu. Fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2000 id-difensur ta' l-attrici ma sabx oggezzjoni illi l-konvenut jipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tardivi tieghu li gew fil-fatt ipprezentati fis-27 ta' Marzu 2000 fejn eccepixxa illi:

1. “Illi waqt illi huwa jaqbel ilil z-zwieg huwa null, ir-ragunijiet huma attribwibbli ghan-nuqqas ta’ maturita’ da parti ta’ l-attrici li tassumi r-responsabbilitajiet taz-zwieg;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Il-Qorti rat dawn l-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata pjuttost dettaljata tal-konvenut li akkumpanjat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut.

Rat ix-xhieda moghtija mill-konvenut *viva voce* fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2000 u x-xhieda minnu pprezentata bl-affidavit tieghu b'nota tas-6 ta' Marzu 2001. Rat ix-xhieda moghtija sew mill-attrici sew mill-konvenut *viva voce* fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx aktar provi w il-kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi minkejja dak li stqarret l-attrici fic-citazzjoni u partikolarment fid-dikjarazzjoni guramentata taghha jirrizulta mill-provi illi minkejja li l-konvenut xtaq, ghas-sigurta' futura tieghu, jizzewweg mara Maltija biex jassigura permanenza fir-residenza tieghu f'Malta dan ma kienx il-hsieb ewlieni jew anqas hsieb ta' certu rilevanza li wassal ghall-ghotja tal-

kunsens tieghu ghaz-zwieg in kwistjoni. Minkejja ghalhekk li din il-Qorti mhijiex sejra tinjora ghal kollox dan l-element jirrizulta mill-provi li dan ma kienx l-element li wassal lill-konvenut biex jidhol ghac-celebrazzjoni ta' dan iz-zwieg u li ghalhekk dan ma kienx wiehed miz-zwigijiet ta' konvenjenza li ta' spiss hija rinfaccjata bihom din il-Qorti. Il-partijiet damu johorgu flimkien ghal certu zmien u l-konvenut jistqarr li kien ihobb lill-attrici, xtaq li jkollu t-tfal miz-zwieg tieghu maghha u ma zzewwighiex biex ikun jista' jkompli jahdem f'pajjizna. Jirrizulta infatti illi l-problema principali f'dan iz-zwieg inqalghet meta l-konvenut skopra li l-attrici kienet mizzewga precedentement ma' Libjan, liema zwieg kien gie wkoll annullat u mil-liema zwieg kellha sitt itfal. Dan iz-zwieg precedenti kien gie ghal kollox mohbi mill-attrici kif kien gie mohbi wkoll il-fatt li kellha t-tfal miz-zwieg precedenti. Dawn il-fatti, infatti, gew zvelati lill-konvenut mill-attrici xi xhur wara z-zwieg taghhom. Mistoqsi mill-Qorti meta xehed in subizzjoni fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2000:

"***Qorti:*** *Jigifieri lilek la qaltlek li kienet mizzewga qabel?*

***Xhud:*** *Le.*

***Qorti:*** *U lanqas li kellha sitt itfal?*

***Xhud:*** *Le ghax ma kienux ighixu Malta.*"

Din id-dikjarazzjoni giet ikkonfermata mill-konvenut fl-affidavit tieghu (vide fol. 40 tal-process) u, forsi ta' aktar importanza, mill-attrici stess fix-xhieda taghha tal-10 ta' Mejju 2001.

Fil-fehma ta' din il-Qorti din ic-cirkostanza li giet mohbija mill-konvenut hija "*kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga*" u li l-kunsens tal-konvenut inkiseb b'qerq dwar din il-kwalita' (Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) peress illi f'din il-materja l-qerq ghandu jitqies bhala li giet mohbija u naskosta kwalita' importanti mill-parti l-ohra, kif inhu zwieg precedenti (minkejja li annullat) u l-fatt tat-tfal li twieldu minn dan iz-zwieg. Dan l-element fih innifsu kien ikun, fil-fehma tal-Qorti, element sufficjenti biex jigi annullat dan iz-zwieg a tenur ta' l-istess Artikolu 19 (1) (c) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmija.

Il-Qorti pero' jidhrilha wkoll illi almenu fir-rigward ta' dan iz-zwieg jirrizulta mill-provi illi l-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat ukoll "*b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga*" (Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta). Hija mhux talli hbiet ic-cirkostanzi fuq indikati mill-

konvenut pero', almenu skond il-provi mressqa, irrifjutat li jkollha tfal f'dan iz-zwieg, filwaqt illi wara l-istess zwieg kellha tlett itfal ohra minn zewg relazzjonijiet differenti.

Fil-fehma ghalhekk ta' din il-Qorti l-kunsens tal-konvenut f'dan iz-zwieg inkiseb b'qerq filwaqt illi l-kunsens ta' l-attrici kien ivvizzjat kif stipulat fl-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta liema ragunijiet wasslu lill-Qorti li tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-kontendenti li gie ccelebrat fl-10 ta' Awissu 1995 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet pero' imputabbli lill-attrici u mhux lill-konvenut;

2. tawtorizza lill-attrici biex tirreverti ghal kunjom xbubitha.

Logikament in vista tad-decide fuq il-meritu normalment l-ispejjez tal-kawza kienu jkunu kollha a karigu ta' l-attrici. Il-Qorti pero' sejra tirrispetta l-qbil bejn il-partijiet kif xehed l-istess konvenut fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2001 fis-sens illi huwa kien sejjer jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha tal-kawza u kien iffirma wkoll dikjarazzjoni f'dan is-sens u ghalhekk l-

istess spejjez jibqghu u huma a karigu unikament tal-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.